MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2013

Talba Numru. 303/2013

**Time International (Sport) Limited**
**C 32438**

**vs**

**Tax Free Services Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt mija wiehed u ghoxrin ewro u sitta u tmenin centezmu (€ 621.86) ammont dovut ghall-merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ konvenuta.

Bl-ispejjez tal-prezenti, u bl-imghax legali mit-2 ta’ Settembru, 2010 data ta’ l-ahhar konsenja sal-effettiv pagament kontra s-socjeta’ konvenuta ngunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher rapprezentant taghha ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt mija wiehed u ghoxrin ewro u sitta u tmenin centezmu (€ 621.86), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------